


STORJA TA' SUĊĊESS



IL-FORUM TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ


STOP GLYPHOSATE



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| WERREJ

Stop Glyphosate	3
Il-kampanja ta' Stop glyphosate	4
L-impatt tal-kampanja "Stop Glyphosate"	7




1

Stop Glyphosate

L-inizjattiva Stop glyphosate (isem sħiħ: Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi), li kienet reġistrata fil-25 ta' Jannar 2017, kellha tliet għanijiet: il-projbizzjoni tal-glifosat, ir-riforma tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-pestiċidi, u t-twaqqif ta' miri mandatorji mal-Unjoni Ewropea kollha għal użu mnaqqas tal-pestiċida.

L-għan ewlieni tagħha kien li jinkiseb futur ħieles mill-pestiċidi mingħajr erbiċidi bbażati fuq il-glifosat. Skont l-organizzaturi, l-esponent għall-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat huwa marbut mal-kanċer fil-bnedmin kif ukoll mad-degradazzjoni tal-ekosistemi.



Fatturi ta' suċċess

- Udjenza ta' miljuni ta' Ewropej lesti li jiffirmaw mill-ewwel ġurnata
- Ma kienx hemm bżonn li tinholq koalizzjoni iżda pjuttost li tiġi mobilizzata dik eżistenti
- Bażi konsistenti ta' finanzjament

B'mod uniku, l-organizzaturi kienu kapaċi jiġbru €328,399 minn varjetà ta' sorsi inklużi Compact, WeMove.EU u Greenpeace. Dan jagħmilha l-inizjattiva li rnexxiet l-aktar s'issa rigward il-finanzjament.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tipprojbixx il-glifosat iżda impenjat lilha nfisha li twettaq l-azzjonijiet deskritti hawn taħt.

2

Il-kampanja ta' Stop glyphosate

Preparazzjoni

Peress li s-sħab tal-inizjattivakien u ħadmu flimkien fuq petizzjoni għall-Kummissjoni Ewropea fl-2015 li rnexxielha tqajjem għarfien, huma ħasbu li "inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej kellha tkun il-pass li jmiss" u estensjoni naturali tal-miri tagħhom.

Madankollu, "kien diffiċli għal koalizzjoni tant kbira li taqbel dwar kif l-inizjattiva għandha tkun imfassla". Xi wħud mis-sħab iffukaw fuq ir-rabta bejn il-glifosat u l-kanċer, oħrajn dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità, u oħrajn dwar il-poter korporattiv. Kellhom jaħdmu ħafna biex jiżguraw li l-interessi kollha tagħhom kienu kkunsidrati u rappreżentati fl-inizjattiva.

Huma stabbilixxew ċirku ta' teħid ta' deċiżjoni (iċ-"Ċirku Organizzattiv") u 10 rappreżentanti differenti mill-organizzazzjonijiet ewlenin iltaqgħu kull ġimgħa biex jimmaniġġjaw l-allokkazzjoni tal-fondi, l-istrateġija ta' komunikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-abbozz tal-inizjattiva u l-annessi tagħha, eċċ.

Il-koordinatur tal-inizjattiva kiteb l-ewwel abbozz u mbagħad iċċirkulah mas-sħab l-oħrajn għall-kummenti. Imbagħad iltaqgħu u analizzaw is-suġġerimenti, huma u jintegrawhom fid-dokument f'diversi abbozzi. L-istess proċess ġie segwit bl-anness.

Iċ-"Ċiklu Organizzattiv" beda jstabbilixxi l-kampanja madwar sitt xhur qabel ma beda l-ġbir tal-frem. Minn hemm 'il quddiem, huma ħadmu fuq l-iżvilupp tal-istrateġija, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom. Huwa importanti li wieħed isemmi li dan il-grupp kien diġà kkoopera f'kampanji oħrajn qabel din, għalhekk il-bini tal-alleanza tiegħu ħa anqas ħin mill-biċċa l-kbira tal-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej l-oħrajn. Madankollu, l-organizzaturi jenfasizzaw li mhux biżżejjed li sserraħ esklużivament fuq in-network eżistenti tiegħek.



| Implimentazzjoni

L-organizzaturi rrimarkaw li “l-email kienet l-aktar mezz importanti tal-kampanja”. Peress li l-kampanja kienet immexxija minn organizzazzjoni ta’ kampanji online b’diversi kwistjonijiet, dawn intużaw biex jilħqu lill-membri tagħhom fuq bażi regolari. Is-sħab tagħhom wettqu strateġija simili. Filwaqt li l-organizzaturi ma ffukawx fuq l-involvement mal-“media tradizzjonali”, huma “ħeġġew lis-sħab jaqsmu l-kontenut fuq il-media soċjali”. Madankollu, l-emails baqgħu l-għodda ewlenija tagħhom għall-kampanji.

L-organizzaturi ma wettqux kampanji tal-media soċjali online bi ħlas. Madankollu, huma jirrikonoxxu li llum, dawk l-għodod saru aktar importanti. Ir-reklamar fuq Facebook ivarja fl-effettività bejn l-Istati Membri. F’dawk il-pajjiżi fejn il-ġbir tal-firem huwa aktar sempliċi milli f’oħrajn (eż. fejn ma tkun meħtieġa ebda ID online), post reklamati huwa aktar probabbli li fil-fatt jinbidel f’dikjarazzjoni uffiċjali ta’ appoġġ. Ir-reklamar fuq Facebook jgħin ukoll biex jinftiehem aħjar l-orijini tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ.


L-organizzaturi ħolqu lista ta’ organizzazzjonijiet sħab nazzjonali li kienu lesti jipparteċipaw fil-kampanja u “pperswadowhom individwalment biex jippermettu l-ġbir tal-firem fis-siti web tagħhom” permezz tal-formola inkorporata. Huma żammew dawn il-kuntatti u kienu b’mod regolari f’kuntatt magħhom.

Tabilħaqq, immappjar tal-partijiet ikkonċernati madwar l-Ewropa kien importanti fl-istadji bikrin tal-kampanja. Huwa importanti li wieħed ikun konxju tal-fatt li l-firem minn pajjiż speċifiku jistgħu jkunu kruċjali u li t-twaqqif ta’ network ta’ organizzazzjonijiet u influwenzaturi huwa kruċjali. Dan kien estremament rilevanti għas-suċċess ta’ din il-kampanja: mhux biss billi ddependew fuq is-sħab tagħhom iżda wkoll billi mlew il-lakuni fin-network li kienu identifikati fil-bidu.

L-organizzaturi qalu wkoll li “huwa importanti li jkollok sit web tal-kampanja li kienet ottimizzata għall-magni tat-tiftix.” Fil-fatt, is-sit web kien wieħed mill-postijiet l-aktar komuni fejn in-nies iffiraw il-kampanja (8-9% tal-firem). Il-multilingwiżmu ta’ sit web tal-kampanja huwa essenzjali biex jindirizza numru kbir ta’ nies fil-lingwa lokali tagħhom.

L-organizzaturi kitbu wkoll stqarrijiet għall-istampa bl-Ingliż u staqsew l-organizzazzjonijiet sħab tagħhom biex jittraduċuhom bil-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi li fihom kienu bbażati, inklużi l-informazzjoni u d-dettalji ta’ kuntatt tal-organizzatur lokali.

Tqabbd u attivisti nazzjonali professjonali fi tliet pajjiżi (Spanja, l-Italja u Franza) fejn WeMove.EU, l-organizzazzjoni ġenerali tal-inizjattiva, kellha attivisti ewlenin. Huma laħqu wkoll pajjiżi oħrajn tal-UE fl-assenza ta’ attivisti dedikati bbażati hemm. B’mod speċifiku, WeMove.EU organizzat, flimkien ma’ Campact u GLOBAL2000, ġurnata ta’ “ġbir tal-firem offline”. Billi baġtu pakketti għall-ġbir ta’ 5,000 firma lil dawk li jappoġġjawhom fl-Ewropa kollha, huma ġabru madwar 100,000 firma f’weekend wieħed.



| Ġbir tal-firem

Rigward il-ġbir online, huma użaw OpenECl, software tal-ġbir online li numru ta' inizjattivi oħrajn kienu diġà użaw fil-passat. Barra milli jipprovdi l-formola tal-firma, huwa ppermettathom li jiġbru b'mod dirett informazzjoni ta' kuntatt mingħand dawk li jappoġġjawhom. Setgħu wkoll jinkorporaw il-formola tal-ġbir tal-firem fi kwalunkwe sit web.


Għalkemm il-perjodu ta' ġbir uffiċjali spiċċa fil-25 ta' Jannar 2018, l-organizzaturi rnexxielhom jiġbru miljun firma fi żmien ħames xhur u ddeċidew li jagħlqu l-ġbir kmieni fit-2 ta' Lulju 2017. Kienu wkoll entużjasti li jiċċertifikaw il-firem tagħhom malajr sabiex "l-inizjattiva setgħet tkun sottomessa qabel ma l-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-liċenzja tal-glifosat".



IMPORTANTI:

Mill-1 ta' Jannar 2023, l-organizzaturi se jkunu jistgħu jużaw biss is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online.

Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' sostenn (f'tipa grassa l-pajjiżi fejn intlaħaq il-livell limitu)



| Verifika u sottomissjoni

Għalkemm xi pajjiżi ffinalizzaw il-proċess ta' verifika aktar tard minn oħrajn, l-inizjattiva kienet sottomessa fis-6 ta' Ottubru 2017 akkumpanjata minn ċertifikati li kienu jikkonfermaw il-validità ta' 1,070,865 dikjarazzjoni ta' appoġġ.

3

L-impatt tal-kampanja “Stop Glyphosate”

Eżaminazzjoni u deċiżjoni tal-Kummissjoni

L-organizzaturi Itaqgħu mal-Kummissjoni – l-ewwel Viċi President Timmermans, il-Kummissarju Andriukaitis u uffiċjali għolja minn diversi servizzi kkonċernati – fit-23 ta’ Ottubru 2017 (ara [l-istqarrija għall-istampa](#)). Fl-20 ta’ Novembru, l-organizzaturi ppreżentaw l-inizjattiva tagħhom waqt [seduta pubblika fil-Parlament Ewropew](#).

Huma għażlu “l-individwi bl-akbar għarfien” għal-laqgħa mal-Kummissjoni. Segwew l-istess strateġija huma u jippreparaw għas-seduta pubblika – organizzaw laqgħa qabel biex jiddeċiedu liema punti xtaqu jenfasizzaw. Bosta Membri tal-Parlament Ewropew “kienu għajnuna morali kbira”.

Fil-Kommunikazzjoni tagħha tat-12 ta’ Diċembru 2017 (ara [l-istqarrija għall-istampa](#)), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

- M’hemm ebda raġuni xjentifika jew legali li tiġġustifika projbizzjoni fuq il-glifosat.
- Il-Kummissjoni se tagħmel proposta leġiżlattiva biex iżżid it-trasparenza fl-evalwazzjoni tal-pestiċidi u biex issaħħaħ il-kwalità u l-indipendenza tal-istudji xjentifiċi li huma l-bażi tal-valutazzjonijiet imwettqin mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).
- L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli se tkun riveduta.

Aktar informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta’ segwitu tinsab fis-sit web tal-[Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#).



| Segwitu

Kemm il-grupp ta' organizzazzjonijiet ta' koalizzjoni kif ukoll dawk individwali li jappoġġjawh ġew ikkuntattjati permezz ta' email biex jiġu infurmati dwar l-eżiti tal-kampanja.

Il-koalizzjoni tal-organizzazzjonijiet baqgħet attiva - anke wara li wettqet l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Flimkien, huma ppruvaw jinfluwenzaw il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar suġġett relatat (il-liġi ġenerali dwar l-ikel). Wara li għaddiet din il-liġi, l-attività koordinata tagħhom naqqset ir-ritmu. Madankollu, il-listi tal-emails tagħhom għadhom attivi illum u l-organizzaturi jibqgħu f'kuntatt ma' dawk li jappoġġjawhom dwar kwistjonijiet relatati mal-kawża tagħhom.

Dawk individwali li jappoġġjawhom baqgħu importanti għall-kampanja - anke wara li ntemmet l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. L-organizzaturi spjegaw li "dawl li appoġġjawhom kienu setgħa kruċjali fi stadju aktar tard" - speċjalment meta l-liġi ġenerali dwar l-ikel ġiet diskussa fil-Parlament Ewropew.



Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Qabel ma tniedu l-inizjattiva, ibnu udjenza online ma' mijiet ta' eluf ta' nies li intom żguri li tistgħu tistrieħu fuqhom biex tiġbru l-firem. Iż-żmien jaħrab!
- Mingħajr udjenza kbira li tistgħu tistrieħu fuqha waqt it-tnedija, jeħtiġilkom tiġbru madwar 3,000 firma ġdida kuljum b'mod organiku matul il-perjodu ta' ġbir sħiħ ta' sena.
- Żguraw li għandkom grupp kbir ħafna ta' nies lesti li jibdew il-ġbir hekk kif tkun reġistrata l-inizjattiva.
- Il-biċċa l-kbira tal-fondi ġew mill-organizzazzjonijiet sodi tal-membri li kienu qed jippromwovu l-inizjattiva. Ħeġġu l-organizzazzjonijiet membri biex jiġbru l-flus biex jappoġġjaw lil xogħolhom matul il-kampanja.
- Immonitorjaw mill-qrib il-progress lejn il-miri tal-ġbir tal-firem tagħkom f'kull pajjiż
- Il-Komunikazzjoni bl-email hija importanti ħafna għat-twettiq ta' kampanja.



Lezzjonijiet miksubin

- "Jekk il-Kummissjoni hija relativament ta' għajjnuna morali tal-miri ta' inizjattiva, hija għandha mnejn tkun għodda adatta, iżda inizjattiva li tirnexxi mhix se tisforza l-Kummissjoni biex tagħmel xi ħaġa li ma tixtieqx jew mhix f'pożizzjoni li tagħmel". Madankollu, l-organizzaturi jinnotaw ukoll li l-għodda tista' dejjem "tintuża bħala 'għodda għall-istabbiliment tal-aġenda' fil-livell Ewropew".
- L-inizjattiva rnexxiet fis-sens li hija laħqet miljun firma, l-organizzaturi ltaqgħu mal-Kummissjoni, kellhom seduta pubblika fil-Parlament Ewropew u rċiew it-tweġiba tal-Kummissjoni inklużi diversi azzjonijiet ta' segwitu. Madankollu, l-organizzaturi huma tal-opinjoni li l-inizjattiva ma rnexxietx għax ma ntlaħqux l-oġġettivi tagħha.
- L-organizzaturi spjegaw li ż-żmien huwa kruċjali jekk trid tagħmel differenza f'fajl leġiżlattiv li għadu għaddej. Dan jista' jiżgura impatt akbar fl-aħħar.